# Il-Kitba tal-Ittra

## Informali, Formali u Elettronika



Preżentazzjoni ta' Sa A. Schembri u Sa C. Zerafa
Skola St Joseph, Tas-Sliema

# Fis-Sillabu taċ-ĊES 2014

L-Ittra (80 kelma): il-kandidati jingħataw żewġ ittri u jridu jagħżlu waħda minnhom.

Dan it-taħriġ jeżamina l-kitba tal-ittra formali u informali kif ukoll tal-ittra elettronika formali. Fl-ittra elettronika l-kandidati jridu jiktbu skont ir-regoli tal-ortografija.



# Għaliex l-ittra?

Xi darba l-ittri kienu jinkitbu bl-id. Il-karta u l-pinna kienu jimtlew bi kliem u sentenzi li jfissru l-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u s-sitwazzjonijiet tal-kittieb.




L-ittra għadna nużawha?

L-ittra għadha magħna anke jekk tbiddel il-mod kif tinkiteb u l-mod kif tintbagħat. Il-bniedem irid dejjem jikkomunika u jwassal messaġġi permezz tal-kitba.

# Tipi differenti ta' ittri



- Informali- bejn il-ħbieb, familjari, kunfidenza bejn il-kittieb u l-qarrej.

- Formali- lil xi ħadd li ma tafx, xi ħadd f'awtorità, korteżija.

- Elettronika- tintbagħat permezz tal-internet u tista' tintuża kemm b'mod informali kif ukoll formali.

# L-istudenti jridu juru…

- Li jafu jħaddmu l-lingwa Maltija biex iwasslu messaġġ ċar u fi ftit kliem, **80 kelma biss**.
- Li kapaċi jiktbu b'mod formali u edukat.
- Li jafu kif jippreżentaw l-ittra, f'sitwazzjoni informali u formali, u għalhekk jafu fejn se jpoġġu l-indirizzi mogħtija fil-karta tal-eżami stess.



# Għażla bejn żewġ ittri

**IR-RABA' TAQSIMA**

6. Ittra

Wieġeb mistoqsija WAĦDA: (12-il marka)

a. Inti għadek kif sirt taf li ħabiba jew ħabib tal-qalb tiegħek ser titlaq/ jitlaq mid-dar biex tmur tgħix għal rasha /imur jgħix għal rasu. Iktbilha /iktiblu ittra ta' madwar 80 kelma biex tiftħilha għajnejha /tiftaħlu għajnejh għal liema responsabbiltajiet dieħla /dieħel.

Ismek: Rita / Ronnie (Borg)

Indirizz tiegħek: 45, Triq il-Fawwara, Ħal Millieri, ĦML1058.

**JEW**

b. Ikteb ittra elettronika ta’ madwar 80 kelma lis-Sindku tal-lokal tiegħek fejn tagħmillu talba biex fis-sajf li ġej jorganizza attivitajiet rikreattivi għaż-żgħażagħ kollha li jgħixu fl-istess lokalità. Issuġġerilu xi attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati.

Ismek: Joseph /Josephine Camilleri

Indirizz elettroniku tiegħek: jcam@zghazagh.org

Indirizz elettroniku tal-Kunsill Lokali: sindku@kunsillokali.org

(meħuda mill-Karta mudell tal-eżami taċ-ĊES 2014)

# L-Ittra Informali

| | |
|---|---|
| 45, Triq il-Fawwara<br>Ħal Millieri<br>ĦML1058<br><br>20 ta' Jannar 2014<br><br>Għażiża Marija, | **l-indirizz ta' min qed jikteb;**<br><br><br><br>**id-data;**<br><br>**it-tislima** |
| **Introduzzjoni**<br><br>**Il-qofol tal-ittra**<br><br>**Il-konklużjoni** | (in-numru tal-kliem jgħodd għal din il-parti biss) |
| Tislijiet/Dejjem tiegħek/ Saħħiet<br>Rita | **L-għeluq** |

# L-Ittra Formali

| | |
|---|---|
| 200, Triq l-Imqaret<br>Ħal Tmiem<br>ĦTM1234<br><br>Kunsill Lokali Ħal Tmiem<br>Triq San Stiefnu<br>Ħal Tmiem<br>ĦTM 567<br><br>20 ta' Jannar 2014<br><br>Għażiż Sindku, | **l-indirizz ta' min qed jikteb;**<br><br><br><br>**l-indirizz ta' min se jirċievi;**<br><br><br><br><br>**id-data;**<br><br>**it-tislima** |
| **Introduzzjoni**<br><br>**Il-qofol tal-ittra**<br><br>**Il-konklużjoni** | (in-numru tal-kliem jgħodd għal din il-parti biss) |
| Tislijiet,<br>(firma)<br>Karen Abela | **L-għeluq** |

# L-Ittra Elettronika

<table>
<tr><td>Lil sindku@kunsillokali.org<br>Mingħand jcam@zghazagh.org<br>Data 11.04.2014<br>Suġġett Attivitajiet għaż-żgħażagħ fis-sajf<br><br>Għażiż Sindku,</td><td>l-indirizz ta' min se jirċievi;<br>l-indirizz ta' min qed jibgħat;<br>id-data;<br>is-suġġett<br><br>it-tislima</td></tr>
<tr><td>Introduzzjoni<br><br>Il-qofol tal-ittra<br><br>Il-konklużjoni</td><td>(in-numru tal-kliem jgħodd għal din il-parti biss)</td></tr>
<tr><td>Tislijiet,<br>Josephine Camilleri</td><td>L-għeluq</td></tr>
</table>

# Tinsiex!



- Uża dejjem l-isem u l-indirizzi mogħtija fil-karta tal-eżami. Tużax tiegħek jew tivvinta oħrajn.
- Żomm dejjem il-**format blokk** kemm fl-ittra formali kif ukoll informali.
- F' ittra formali, anki dik elettronika, indirizza lill-persuna skont it-titlu tagħha, eż. Għażiż Sindku, Għażiża Kap.